

Brussell, 12 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16484/2/24
REV 2
PV CONS 63
COMPET 1184
IND 547
MI 1000
RECH 533
ESPACE 113

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))

28 u 29 ta' Novembru 2024

LAQGĦA TAL-ĦAMIS 28 TA' NOVEMBRU 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15898/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġislattiva** 16139/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġislattivi

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

3. **Konklużjonijiet dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea**  16080/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill ma setax jilħaq kunsens dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet kif ippreżentat lill-Kunsill. Il-Presidenza ddeċidiet li toħroġ test emendat bħala konklużjonijiet tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument 16294/24, li kien appoġġat minn 25 Stat Membru.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u l-Ġermanja jinsabu fl-Anness.

4. **Regolamentazzjoni aħjar fl-Ewropa** 15630/24
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

5. a) **Proposta konġunta għal politika Ewropea mġedda**  15960/24
dwar il-karozzi: nibbilanċjaw il-kompetittività mal-ambizzjoni klimatika
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

- b) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 
- (i) **Regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali** 12976/1/23
REV 1 (en)
- (ii) **Pakkett dwar ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari** 8851/23
8869/23
+ ADD 1-2
8894/23
+ ADD 1-3
8887/23 + ADD 1
- (iii) **Direttiva dwar il-Pakketti tal-Ivvjaġġar** 16338/23 + ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Il-bijoeconomija – il-passi li jmiss fl-UE**  15966/24
Informazzjoni mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja.

- d) **Nisfruttaw il-benefiċċji kollha tar-rivoluzzjoni tal-bijoteknoloġija**  15969/24
Informazzjoni mid-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, is-Slovakkja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja u Spanja.

- e) **L-iżvilupp tal-produzzjoni Ewropea tal-Batteriji u t-triq 'il quddiem biex tiġi żgurata Industrija Ewropea tal-Batteriji kompetittiva**  15962/24
Informazzjoni minn Franza, il-Ġermanja u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, il-Ġermanja u l-Iżvezja.

- b) **(kontinwazzjoni) Proposti leġiżlattivi attwali** 
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- iv) **Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 Informazzjoni mill-Kummissjoni** 15620/24
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.
- f) **Rapport 2024 tan-Network ta' Rappreżentanti tal-SMEs lill-Kunsill Kompetittività** 15453/24
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss Informazzjoni mill-Polonja**

LAQGĦA TAL-ĠIMGĦA, 29 TA' NOVEMBRU 2024

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

RIĊERKA

6. **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u li tingħeleb il-frammentazzjoni tagħha**  15553/24
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.
7. **Konklużjonijiet dwar inizjattiva potenzjali tar-R&I mal-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant**  15304/24
+ COR 1
+ REV 1 (et)
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

8. **Konklużjonijiet dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni
dwar materjali avvanzati**  15398/24
Approvazzjoni
Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.
9. **Il-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-kompetittività
tal-Unjoni Ewropea: segwitu għar-rakkomandazzjonijiet
tar-rapport dwar Il-futur tal-Kompetittività Ewropea**  15518/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni
Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.
- SPAZJU
10. **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kompetenzi Ewropej fis-
settur spazjali**  15018/24
Approvazzjoni + COR 1
Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.
11. **Konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni interim tal-programm
Spazjali tal-Unjoni Ewropea**  15017/24
Approvazzjoni + COR 1
Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.
12. **Il-futur tal-politika spazjali tal-Unjoni** 15020/24
Skambju ta' fehmiet + COR 1

Affarijiet oħra

Riċerka

13. a) **It-tisħiħ tal-indipendenza tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC)** 15779/24

Informazzjoni mill-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja. L-Awstrija wkoll esprimiet l-appoġġ tagħha.

- b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

Spazju

- c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 15898/24

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Konklużjonijiet dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Fid-dawl tad-dinamika kompetittiva globali, huwa essenzjali li tkompli tiġi żviluppata strateġija olistika għall-promozzjoni tal-kompetittività u l-produttività sabiex jonqos id-distakk ta' tkabbir u innovazzjoni bejn l-Ewropa u pajjiżi terzi kompetituri.

Madankollu, l-Awstrija tiddikjara pożizzjoni kritika dwar is-suġġetti li ġejjin tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza:

1. Tnaqqis tar-rekwiżiti ta' rappurtar: It-tnaqqis tal-piż amministrattiv mhux ġustifikat u r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-industrija u l-SMEs - filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards eżistenti - huwa kruċjali. Id-dikjarazzjonijiet fil-paragrafu 5, b'mod partikolari dwar il-"kontrolli fil-prattika" u l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", għandhom jibqgħu, u t-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' rappurtar lil hinn mill-mira ta' 25 % għandu jiġi implimentat malajr bl-użu ta' metodoloġija speċifika.
2. Enerġija nukleari: L-Awstrija tibqa' tal-fehma li għandhom jiġu promossi biss dawk it-teknoloġiji li huma sikuri, sostenibbli u tajbin għall-ambjent, b'mod partikolari t-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli. Għall-gvern Awstrijak, kwalunkwe referenza għall-enerġija nadifa u t-teknoloġiji nodfa ma tinkludix l-enerġija nukleari.
3. Finanzjament: L-Awstrija tilqa' l-fatt li l-Konklużjonijiet tal-Presidenza jirrifjutaw kwalunkwe preġudizzju tan-negozjati tal-QFP li jmiss. L-Awstrija topponi wkoll aktar mutwalizzazzjoni tad-dejn. L-investimenti jridu jiġu ffinanzjati b'mod partikolari billi jiġu mobilizzati fondi privati. F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro+ dwar il-kompetittività, peress li l-fondi pubbliċi jridu jintużaw b'mod effettiv."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tappoġġa b'mod ċar l-oġġettivi tal-konklużjonijiet dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill fihom ħafna punti importanti bil-ħsieb tal-programm ta' ħidma futur tal-Kummissjoni l-ġdida. It-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE huwa l-isfida u l-kompitu ċentrali tal-leġislatura l-ġdida. Nilqgħu wkoll l-enfasi fil-konklużjonijiet dwar l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala kruċjali għall-kompetittività.

Ir-rapport ta' Draghi huwa sinjal ċar ta' twissija. It-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE jrid jimxi id f'id mal-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-aġenda tal-Patt Ekoloġiku bħala mutur tat-tkabbir, l-investment u l-innovazzjoni, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u l-preservazzjoni tal-koeżjoni soċjali. Neħtieġu titjib orizzontali u transsettorjali fil-kundizzjonijiet tal-qafas ekonomiku. Dan jeħtieġ, b'mod partikolari, l-iżvilupp ulterjuri orjentat lejn il-futur tas-suq intern, progress tanġibbli fit-tnaqqis tal-burokrazija u t-tħaffif tal-proċeduri filwaqt li jinżammu l-istandards ta' protezzjoni meħtieġa, tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, miżuri biex jiġu żgurati ħaddiema tas-sengħa, it-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni u aġenda kummerċjali ambizzjuża bbażata fuq il-ftuħ.

Għalhekk, b'mod ġenerali nilqgħu l-lingwaġġ dwar is-suq uniku. Nilqgħu wkoll il-fatt li s-sigurtà ekonomika u t-tnaqqis tad-dipendenzi jissemmew bħala t-tielet pilastru tar-rapport ta' Draghi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill. Ser ikun importanti li l-Patt għal Industrija Nadifa jieħu approċċ olistiku u komprensiv li jipprovdi l-inċentivi t-tajba għall-innovazzjoni, it-trasformazzjoni, l-investment u b'hekk it-tkabbir inklużiv u s-sovranià teknoloġika.

Minkejja l-appoġġ tagħna għall-punti msemmija hawn fuq, il-Ġermanja ma setgħetx taqbel mal-konklużjonijiet tal-Kunsill:

Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-finanzjament tal-UE jista' jintuża biss biex jappoġġa teknoloġiji li huma sikuri, sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li għalihom jeżistu miri fil-livell tal-Unjoni. Dan mhuwiex il-każ għall-enerġija nukleari mill-fissjoni nukleari (enerġija nukleari). Il-Gvern Ġermaniż kien irrakkomanda formulazzjoni li tirrispetta s-sovranià enerġetika tal-Istati Membri. Dan mhuwiex rifless biżżejjed fil-paragrafu 15 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-Gvern Ġermaniż għalhekk ma setax jaqbel mat-test."